**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 276/14 AL

**A B**
**f'isimha propju u bhala kuratrici**
**ghall-minuri O B**

**vs**

**Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Veronica Rossignaud**
**li b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2015 gew nominati**
**bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-konjugi B, ilhom jghixu hajja separata de facto sa mill-hamsa ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (5.5.2010) u ilhom iddivorzjati mis-sitta` ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (6.6.2012) ara dokumenti MD1 u MD2 annessi;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, Ryan B li llum huwa adult u O B li ghandu biss tlettax-il sena u illi ghalhekk ghadu minuri;

3. Illi l-partijiet kienu qablu, bil-miktub permezz ta' skrittura datata tmintax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (18.7.2013), illi l-esponenti u l-minuri O setghu jigu jghixu Malta, basta l-intimat ikollu access liberu jekk qatt jigi ghall-btala gewwa l-Gzejjer Maltin (Dok MD3);

4. Illi madanakollu, stante illi l-kura u l-kustodja tal-minuri, sal-gurnata tal-lum ghadha kongunta bejn il-partijiet, l-esponenti hija ristretta immens f'dak li tista' taghmel fir-rigward ta' binha u lanqas ma tista' mqar tiskrivi lill-binha gewwa skola jekk mhux bl-intervent kontinwu ta' dina l-Qorti;

5. Illi l-esponenti, pruvat kemm-il darba tikkomunika mal-intimat biex din il-kwistjoni tigi sorvolata u dana anke tramite l-avukati taghha, madanakollu l-intimat dejjem ghazel li jibqa' inadempjenti u jinjora kwalsiasi komunikazzjoni minnu ricevuta;

6. Illi ghaldaqstant, l-esponenti ma kellha l-ebda ghazla ohra, ghajr illi tintavola l-proceduri odjerni u dana fil-konfront ta' kuraturi deputati ghax l-intimat huwa assenti mill-Gzejjer Maltin;

7. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat odjern, permezz ta' digriet tat-tlettax t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (13.10.2014) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok MD4);

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri O B esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-istess jabita mar-rikorrenti;

2. Konsegwentement, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha kemm ordinarji kif ukoll

straordinarji fir-rigward ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri O wahidha, minghajr il-htiega ta' kunsens jew firma tal-intimat;

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni sabiex ir-rikorrenti tigi awtorizzata titlob u tottjeni wahidha, minghajr il-htiega ta' approvazzjoni jew firma tal-konvenut, il-passaport ghall-minuri O B u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Av Simon Micallef Stafrace u il-PL Veronica Rossignaud, li permezz taghha jecepixxu:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn ir-rikorrenti u żewġha C D B, minnu legalment iddivorzjata[1], fejn il-Qorti qiegħda tintalab tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri O B lir-rikorrenti. L-

[1] Ara d-digriet finali ta' divorzju ddatat 22 t'Awwissu 2012 u maħruġ minn Durham County Court, fol. 11 tal-proċess.

intimat huwa assenti minn Malta, u għalhekk qed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-Kuraturi maħtura għal dan l-iskop.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva, partikolarment għall-iskop tal-ġurisdizzjoni tagħha, illi jirriżultalha li l-minuri O jgħix u qiegħed hawn Malta flimkien ma' ommu r-rikorrenti, jattendi skola hawn Malta u jinsab domiċiljat Malta.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti[2]:

(a) Il-koppja Ingliża B iżżewġu fl-20 ta' Ġunju 1992 u kellhom żewġ ulied miż-żwieġ, Ryan li huwa maġġorenni, u O li għandu madwar ħmistax-il sena;

(b) Fis-sena 2012, huma kisbu d-divorzju minn Qorti Ngliża, liema Qorti ppronunċjat id-divorzju mingħajr ma ddeċidiet dwar l-aspetti l-oħra taż-żwieġ, bħalma huma l-komunjoni tal-akkwisti u l-kura u l-kustodja tal-ulied;

(c) Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri O, il-partijiet qablu li r-rikorrenti tkun awtorizzata tieħu lil O barra mill-Ingilterra, b'dana illi l-missier jibqa' jgawdi minn aċċess liberu; Dan il-ftehim kitbuh b'mod informali bejniethom u ffirmat miż-żewġ partijiet quddiem xhud;[3]

(d) Ir-rikorrenti ġiet Malta mal-minuri O f'Jannar 2014, bl-iskop li tistabilixxi ruħha hawnhekk;

(e) Hija tilfet kull kuntatt ma' żewġha, u l-minuri żamm kuntatt miegħu bi "Skype" jew "face-time". Dan ġara madwar sitt darbiet fi ħmistax-il xahar. Lejn Frar 2015, il-minuri tilef kull kuntatt ma' missieru;

---

[2] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attriċi fol. 34 tal-proċess u minn dokumenti oħra esebiti.

[3] Fol. 12 tal-proċess

(f) Ir-rikorrenti tispjega illi sabiex irreġistrat lil binha fi skola hawn Malta, hija kienet teħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' żewġha, iżda hi ma rnexxiliex tagħmel kuntatt miegħu u għalhekk l-awtorizzazzjoni tiegħu ġiet sostitwita bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti; Minħabba f'hekk il-minuri tilef tmien xhur skola;

(g) Hija kkonfermat ma' ħbieb tagħha Ingliżi li żewġha baqa' jirrisjedi fl-istess indirizz u jaħdem fl-istess post ukoll. Madankollu huwa ma weġibx għall-ittri u nterpellazzjonijiet tagħha;

(h) Il-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat assenti wkoll bagħtulu ittra fl-istess indirizz[4], iżda huma jikkonfermaw li dan baqa' ma kkomunikax magħhom[5].

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[6] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[7], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione*

---

[4] Fol. 42 tal-proċess,
[5] Nota ta' Dr. Simon Micallef Stafrace ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2016, fol. 62
[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [8] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[9] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[10].

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGAL GĦALL-KAŻ ODJERN

Il-Qorti tifhem illi s-sitwazzjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri, kif inhi, u cioe kura u kustodja konġunta bejn iż-żewġ ġenituri, li huma domiċiljati f'żewġ pajjiżi differenti, tista' toħloq inkonvenjent kbir. Tista' wkoll taffetwa negattivament fuq il-ħajja tal-minuri bħal ma ġara fil-każ odjern, fejn il-minuri, prevja l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, tilef tmien xhur skola.

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-intimat ma tantx wera nteress illi jżomm il-kuntatt ma' ibnu u dana stante li fi ħmistax-il xahar ikkomunika miegħu xi sitt darbiet biss, sakemm qata' l-kuntatt għal

---

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[10] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

kollox. Huwa wera attitudni ndifferenti lejn martu u l-interpellazzjonijiet tagħha rigward l-interessi tal-minuri, bħalma baqa' ndifferenti f'din l-istess kawża għall-interpellazzjoni tal-kuratur.

Illi in vista ta' dan suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri O B esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri O B qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommu ir-rikorrenti A B.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.